

IT-TRIBUNAL GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU

Rikors ippreżentat fit-28 ta' Lulju 2015 – ZZ vs Il-Parlament

(Kawża F-109/15)

(2015/C 328/33)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrent: ZZ (rappreżentant: C. Wolff, avukat)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew

Suġġett u deskrizzjoni tat-tilwima

Annullament tad-deċiżjoni li r-rikorrent ma jingħatax allowance ta' installazzjoni.

Talbiet

- jannulla d-deċiżjoni tal-Kap tad-Diviżjoni "Drittijiet individwali u remunerazzjonijiet", mogħtija fit-12 ta' Diċembru 2014, kif ukoll id-deċiżjoni tal-konvenut tal-20 ta' April 2015;
- tikkundanna lill-konvenut għall-ħlas ta' allowance ta' installazzjoni fl-ammont ta' EUR 21 688,20, flimkien mal-interessi legali, dekorribbli mill-preżentata tar-rikors; u
- tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fid-29 ta' Lulju 2015 – ZZ vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-110/15)

(2015/C 328/34)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: ZZ (rappreżentanti: S. Orlandi, T. Martin, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Suġġett u deskrizzjoni tat-tilwima

Annullament tal-proposta ta' trasferiment tad-drittijiet għal pensjoni tar-rikorrent fis-sistema ta' pensjoni tal-Unjoni, li tapplika d-dispożizzjonijiet ġenerali l-ġodda ta' implementazzjoni tal-Artikolu 11(2) tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal, u l-kundanna tal-konvenuta għall-ħlas ta' ewro provviżorju sabiex tiġi invokata l-ħsara allegatament subit.

Talbiet

- jiddikjara bħala illegali l-Artikolu 9 tad-dispożizzjonijiet ġenerali ta' implementazzjoni tal-15.07.2011 tal-Artikolu 11 (2) tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal;
- jannulla d-deċiżjoni tal-10 ta' Marzu 2015 li jiġu akkreditati d-drittijiet għal pensjoni miksuba mir-rikorrent qabel id-dħul tiegħu fis-servizz, fil-kuntest tat-trasferiment tagħhom fis-sistema ta' pensjoni tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, skont id-dispożizzjonijiet ġenerali ta' implementazzjoni tal-Artikolu 11(2) tar-Regolamenti tal-Persunal tal-15.07.2011;
- sussidjarjament, jikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ħlas ta' ewro provviżorju sabiex tiġi invokata l-ħsara subita mir-rikorrent;
- jikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fis-17 ta' Awwissu 2015 – ZZ vs UASI**(Kawża F-116/15)**

(2015/C 328/35)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż***Partijiet**

Rikorrent: ZZ (rappreżentant: H. Tettenborn, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Suġġett u deskrizzjoni tat-tilwima

Annulament tad-deċiżjoni li r-rikorrent jiġi ttrasferit mid-dipartiment "Koooperazzjoni internazzjonali u Affarijiet legali" għad-dipartiment "Attivitajiet prinċipali".

Talbiet

- jannulla d-deċiżjoni tal-UASI, tat-2 ta' Ottubru 2014, li biha r-rikorrent ġie ttrasferit mid-dipartiment "Koooperazzjoni internazzjonali u Affarijiet legali" għad-dipartiment "Attivitajiet prinċipali".
- jikkundanna lill-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) għall-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fit-18 ta' Awwissu 2015 – ZZ vs F4E**(Kawża F-117/15)**

(2015/C 328/36)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol***Partijiet**

Rikorrent: ZZ (rappreżentant: A. Asmaryan Degtyareva, avukat)